# TAGĦRIF GĦALL-KONSUMATUR

gwida għall-konsumaturi ta` servizzi ta` komunikazzjonijiet elettroniċi

## Televiżjoni



MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

## Kif tagħżel operatur li joffri servizz ta` televiżjoni

X'tip ta` sistemi ta` servizzi televiżivi jeżistu bħalissa?

Liema huma il-benefiċċji u l-kundizzjonijiet ta` dawn is-sistemi?

X'għażla ta` stazzjonijiet qiegħed joffri l-operatur?



Dawn il-mistoqsijiet jgħinuk tagħmel l-aħjar għażla skont il-ħtiġijiet tiegħek.

## Sistemi ta`servizzi televiżivi minn fejn tista` tagħżel:

### Xandir *Terrestrial*

**Is-servizzi jixxandru permezz ta` *antenna* (*aerial*).**



- **Sistema televiżiva *Terrestrial Analogue***
  - Din hi s-sistema televiżiva tradizzjonali. Dan is-servizz jitwassallek f'format ***analogue***.
  - Tista` tara **stazzjonijiet lokali hekk magħrufa *free-to-air***, fosthom Net TV, One TV, Smash TV u Television Malta (TVM), permezz ta` antenna.
  - ***Analogue Turn-off (ATO)***: Huwa ppjanat li fl-aħħar tas-sena 2010 **xandir b'sistema *terrestiral analogue* ser jispiċċa**. Wara din id-data, kull xandir terrestri ser jitwassalek f'format ***digital***.
- **Sistema televiżiva *Terrestrial Digital (DTTV)***
  - Dan is-servizz jitwassalek f'format ***digital***.
  - Teħtieġ:
    - ***Antenna*** fuq il-bejt; u
    - ***Set-top box*** **(STB)** li titwaħħal mas-sett tat-TV u ma` l-*antenna*.
  - **Sabiex tara stazzjonijiet li ma jixxandrux b'xejn**, jista` jkun li jkollok bżonn tagħmir (*equipment*) addizzjonali mingħand l-operatur, bħal *smart card*.

### Xandir Bil-*Cable*

**Is-servizzi jixxandru permezz ta` cable.**



- **Sistema televiżiva *Cable Analogue***
  - Dan is-servizz jitwassallek f'format ***Analogue***.
  - **Bi ħlas** tista` tara **stazzjonijiet lokali hekk magħrufa *free-to-air***, u stazzjonijiet oħra. Hawnhekk ma` għandekx bżonn *set-top box*.
  - Sabiex tara stazzjonijiet li **mħumiex *free-to-air***, ikollok bżonn ***analogue set-top box*** li titwaħħal mas-sett tat-TV u mas-sistema tal-*cable*.
- **Sistema televiżiva *Cable Digital***
  - Dan is-servizz jitwassallek f'format ***Digital***.
  - Teħtieġ:
    - ***Digital Set-top box*** li titwaħħal mas-sett tat-TV u mas-sistema tal-*cable*.

**Is-servizzi televiżivi Digital joffrulek:**

- Stampa iktar ċara
- *Stereo sound* superjuri
- Għazla iktar wiesgħa ta` stazzjonijiet
- Inqas interferenzi
- Gwida elettronika għall-programmi

mca

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

# Xandir Bis-Satellita

**Is-servizzi jixxandru permezz ta` sistema wireless.**



- Teħtieġ:
  - **Dixx** fuq il-bejt li jirċievi s-sinjali tax-xandir; u
  - **Tagħmir** li jitwaħħal mas-sett tat-TV, simili għal *set-top box*.
- Fil-prezent, f'Malta **ma` hawn l-ebda operatur awtorizzat mill-Awtorita' ta` Malta dwar il-Kommunikazzjoni (MCA)** biex jxandar stazzjonijiet bi ħlas permezz ta` satellita.

## Xi trid tqis qabel ma tagħżel l-operatur tas-servizz tat-televiżjoni?

- Fittex sew x'pakketti ta` stazzjonijiet televiżivi qegħdin joffru l-operaturi u **għażel dak il-pakkett li jilħaq il-gosti u l-ħtiġijiet tiegħek**. Inti tista` tagħżel bejn pakketti bażiċi bi prezz rħis jew oħrajn bi prezz ogħla; li joffru stazzjonijiet ta` *films*, *sports* u divertiment[1].
- Iċċekkja:
  - Jekk is-servizz tat-televiżjoni **jintlaħaqx bl-aħjar kwalità** fl-inħawi u propjetà fejn tixtieq tirċievi is-servizz.

[1] L-Awtorità ta` Malta dwar il-Kommunikazzjoni ma` tirregolax il-kontenut tal-programmi mxandar mill-operaturi.

- Jekk is-*set-top box* hijiex għal-kiri u jekk tridx tingħata lura lill-operatur hekk kif twaqqaf is-servizz.
- **L-ispejjeż marbuta** ma` kwalunkwe tagħmir ieħor li jista` jkun meħtieġ biex tirċievi servizz bl-aħjar kwalità u spejjeż oħra meħtieġa għall-installazzjoni tas-servizz. Qis ukoll l-ispejjeż marbuta mat-tneħħija tà tagħmir, kif ukoll dak mitluf, misruq jew imkisser.

## Biex tikseb aktar tagħrif:

**L-Awtorità ta` Malta dwar il-Komunikazzjoni**
Valletta Waterfront,
Ix-Xatt ta` Pinto,
Floriana, FRN1913

**Tel** +356 21 336 840
**Fax** +356 21 336 846

**Email** info@mca.org.mt
**Website** www.mca.org.mt